# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Ġimgħa, 22 ta' April 2022

## Talba numru 36/2021SFJ

**BRUNA MAIER SOARES (101485A) VS. ERINEUDA SPITERI**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-5 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu l-attriċi talbet li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro rappreżentanti l-ammont misluf *brevi manu* lill-konvenuta mill-attriċi stess;

Ra r-Risposta tal-konvenuta ppreżentata fil-15 ta' April 2021;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' April 2022.

**<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta</u>**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuta teċċepixxi n-nullità tal-Avviż tat-Talba stante li l-kawżali mhumiex indikati.

Għalkemm huwa forsi minnu li l-Avviż tat-Talba mhuwiex wieħed li jagħmel narrazzjoni fit-tul, huwa ċar li l-attriċi tallega li hija tat l-ammont relattiv lill-konvenuta b'self *brevi manu* u issa trid li l-ammont jingħatalha lura. It-Tribunal iqis li ma jistax jingħad li l-pretensjonijiet tal-attriċi kif dedotti mhumiex ċari. Anzi, tant huma ċari u tant ġew mifhuma mill-konvenuta li l-istess konvenuta allegat li l-kontenut tal-Avviż tat-Talba kif dedott juri li l-attriċi ma ħaditx konjizzjoni tat-tpaċija li allegatament seħħet bejniethom. Huwa ċar li l-konvenuta fehmet sewwa l-mertu tal-każ.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel tiegħu l-insenjament tal-Prim' Awla fis-sentenza ***Jonathan Ellul et vs. Jesmond Mercieca et*** (deċiża fl-14 ta' April 2016).

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta hija miċħuda.

**Il-mertu**

L-attriċi ppreżentat affidavit li fih spjegat, taħt ġurament, li hija kienet silfet elfejn Ewro (€2,000.00) lill-konvenuta sabiex din tiftaħ *hair salon*. Kien hemm rapport ta' ħbiberija bejn il-partijiet u għalhekk, l-attriċi silfet dan l-ammont lill-konvenuta, bil-kundizzjoni li tkun ripagata entro ftit xhur. L-attriċi tallega li għalkemm li l-*hair salon* beda jopera, l-ammont misluf ma ġiex ripagat. Eventwalment, il-konvenuta tatha biss ħames mitt Ewro (€500.00) u l-istess konvenuta jonqosha tħallas lill-attriċi l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża.

Daniel Azzopardi, rappreżentant ta' BNF Bank plc, qal taħt ġurament li fl-24 ta' April 2019, il-konvenuta ttrasferiet ħames mitt Ewro lill-kont bankarju tal-attriċi. Dan ġie kkonfermat mid-dokument BNF1 (fol. 22).

Il-konvenuta ppreżentat affidavit u matul l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2022, ikkonfermat l-affidavit bil-ġurament tagħha. L-affidavit jikkonferma li l-konvenuta rċeviet b'self mingħand l-attriċi l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000.00). Il-konvenuta kkonfermat ukoll li minn dak l-ammont, hija ħallset lill-attriċi s-somma ta' ħames mitt Ewro (€500.00). Il-konvenuta żiedet tgħid li l-attriċi kienet klijenta tagħha fis-*salon* u li hija pprestat servizzi relatati max-xagħar, mad-dwiefer, u ta' *waxing* lill-attriċi. Hija żiedet li għal dawn is-servizzi, l-attriċi kellha tagħtiha ħames mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€545.00). Il-konvenuta kompliet tispjega li meta l-attriċi silfitha l-ammont relattiv, ma kinitx marbuta li tħallasha lura entro terminu partikolari.

Huwa ovvju li l-konvenuta ma ċaħditx li hija debitur tal-attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba. Id-difiża tagħha hija essenzjalment li l-ammont ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€545.00) għandu *se mai* jitnaqqas mill-ammont mitlub mill-attriċi kif ukoll li ma kien miftiehem ebda

terminu għall-ħlas. Hija qalet ukoll fl-affidavit tagħha li ma kinitx marbuta li tħallas lura entro terminu partikolari.

It-Tribunal ra s-sewwa l-konteġġi annessi mal-affidavit tal-konvenuta u ma fehem kważi xejn min-notamenti tagħha. It-Tribunal onestament ma jafx kif il-konvenuta waslet għaċ-ċifra ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€545.00). Ikompli jżid mal-konfużjoni l-fatt li l-konvenuta ppreżentat numru ta' riċevuti, allegatament maħruġa lill-attriċi għal "*Beauty services*". *Siccome* riċevuta hija prova tal-ħlas, mhuwiex ċar għaliex il-konvenuta ppreżentat kopji (mhux awtentikati) ta' riċevuti. Huwa impossibbli li riċevuta tkun prova ta' dejn. Jidher li l-konvenuta qabdet riżma karti u annettiethom mal-affidavit tagħha mingħajr ma kellha d-diċenza tispjega kull dokument xi jfisser. Mhuwiex biżżejjed li l-konvenuta tgħid fl-affidavit tagħha li "*…minn hemmhekk joħroġ l-ammont ta' €545.*"

Għalhekk, it-Tribunal iqis li l-eċċezzjoni tat-tpaċija ma tistax tirnexxi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ħa konjizzjoni tal-provi prodotti, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' it-talbiet kollha tal-attriċi kif dedotti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500.00) bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali 2297/2020 sad-data tal-pagament effettiv, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi.

Għal finijiet ta' ċarezza, it-Tribunal jgħid li din is-sentenza hija mingħajr preġudizzju għal kull ammont li jista' jkun talvolta spettanti lill-konvenuta mill-attriċi, iżda liema ammont ma jiffurmax il-mertu ta' din il-kawża.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**